PARLAMENT TA' MALTA - SERVIZZ TA' CHILDCARE

9. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA tistaqsi lill-Ispeaker: Jista' l-Ispeaker jgħid fiex wasal il-pjan biex ikun hemm childcare ġewwa l-Parlament ta' Malta?

16.11.2026

L-ISPEAKER: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-riposti għall-mistoqsijiet parlamentari 4 u 5 li saru lis-Sedja dwar dan is-suġġett.

Infakkar illi filwaqt li fil-qafas regolatorju lokali ċ-childcare hu intiż għal tfal bejn 0 u tliet snin, il-Parlament qiegħed jara li s-servizz ikun wieħed ta' childminding u li allura l-età tat-tfal eliġibbli għal dan is-servizz tkun ukoll għal tfal li għandhom aktar minn tliet snin.

Ninforma wkoll li għadhom għaddejjin diskussjonijiet ma' entitajiet oħra sabiex is-servizz ikun jista' jitnieda kemm jista' jkun malajr.

Seduta 44
23.11.2026